**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 10 ta' Ottubru, 2018**

Numru 5

**Rikors Guramentat Nru. 99/2017**

**Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons), LL.D.**
**bhala mandatarju specilju ta' Nokia Oyj, ezercenti l-kummerc**
**ukoll bhala "Nokia Corporation", socjeta estera organizzata**
**taht il-ligijiet tal-Finlandja (Business ID: 0112038-9) u b'inidrizz**
**ufficjali u principali ta' Karaportti 3, FI-02610 Espoo, Finlandja**

**vs**

**Dr Maria Chetcuti Cauchi**
**kuratur deputat sabiex tirrapprezenta lil**
**AUX GROUP CO., LTD., socjeta estera b'indikazzjoni**
**ta' indirizz ta' Mingzhou Industrial Park, Jiansgshan Town,**
**Yinzhou District, Ningbo, Zhejigang, CHN, Cina nominata**
**b'digriet tas-16 ta' Frar 2017**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur nomine tal-1 ta' Frar, 2017 li jghid hekk:

1. illi s-socjeta attrici, li ilha tezisti ghal aktar minn mija u hamsin (150) sena, hija public limited company multinazzjonali ta' connectivity u technology imnizzla fuq l-iStock Exchanges ta' Helsinki u ta' New York u timpjega madwar mija u sitt elef (106,000) ruh minn madwar aktar minn mija u ghoxrin (120) pajjiz, b'bejgh annwali ta' aktar minn tnax-il biljun ewro (€12,000,000,000). Hija ilha famuza madwar id-dinja ghal zmien twil, fir-rigward ta' prodotti u servizzi ta' connectivity u advanced technology ta' kwalita' elevata, oltre ghad-diversi smart products u services taghha relatati [fl-hekk imsejjah kamp tal-Internet of Things (IoT)], bi protezzjoni tat-trademarks, tad-disinni, tal-jeddijiet tal-awtur (copyright) u tal-privattivi taghha li jkopru firxa shiha ta' pajjizi inkluza Malta;

2. illi prodotti u servizzi ta' connectivity u technology NOKIA / NOKIA / NOKIA ilhom jezistu fl-Unjoni Ewropea [li ilha tinkludi lil Malta sa mill-ewwel (1) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbgha (2004)] ghal diversi snin. B'hila u b'invenzjoni, kif ukoll b'hafna sagrificcju finanzjarju u promozzjoni reklamattiva da parti taghha u ta' socjetajiet ohrajn affiljati u, jew relatati maghha, is-socjeta attrici kisbet avvjament u reputazzjoni enormi sahansitra avvjament u reputazzjoni konsiderevoli wkoll fis-suq lokali, in konnessjoni mal-prodotti u mas-servizzi taghha (rikonoxxuti ghall-affidabbilta, ghas-sigurta u ghad-disinn taghhom) u mat-trademarks taghha NOKIA / NOKIA / NOKIA f'hafna gurisdizzjonijiet madwar id-dinja nkluz f'Malta, dwar dan l-istess negozju;

3. illi f'Malta, is-socjeta attrici ghandha validament irregistrati f'isimha (fost ohrajn) it-trademarks NOKIA (wordmarks), numri ta' registrazzjoni 33323 u 33324, b'effett mit-tmienja (8) ta' Frar tas-sena elfejn u wiehed (2001)], u dawn dwar prodotti u servizzi varji fi klassi disgha (9) u tmienja u tletin (38) rispettivament, tal-Klassifikazzjoni Nternazzjonali ta' Prodotti u Servizzi taht in-Nice Agreement (kif sussegwentement emendat);

4. illi noltri u fost ohrajn, is-socjeta attrici ghandha validament irregistrati f'isimha l-European Union trade marks (EU trade marks) NOKIA [figurattiva, numru ta' registrazzjoni 000323386000323386, b'effett f'Malta mill-ewwel (1) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbgha (2004) fi klassijiet disgha (9), hamsa u tletin (35) u tmienja u tletin (38) tal-Klassifikazzjoni Nternazzjonali], NOKIA [figurattiva, numru ta' registrazzjoni 000323386002398022, b'effett f'Malta mill-ewwel (1) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbgha (2004) fi klassijiet disgha (9), tmienja u tletin (38) u tnejn u erbghin (42) tal-Klassifikazzjoni Internazzjonali], NOKIA [wordmark, numru ta' registrazzjoni 000323386010608743, b'effett mill-ewwel (1) ta' Frar tas-sena elfejn u tnax (2012) fil-klassijiet kollha cjioe' minn wiehed (1) sa hamsa u erbghin (45) tal-Klassifikazzjoni Nternazzjonali, inkluz fi klassi hdax (11)], u NOKIA [wordmark, numru ta' registrazzjoni 000323386013405493, b'effett mit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014) fi klassijiet disgha (9), tmienja u tletin (38), disgha u tletin (39), tnejn u erbghin (42) u hamsa u erbghin (45) tal-Klassifikazzjoni Internazzjonali];

5. illi noltri, is-socjeta attrici ghandha jeddijiet antecedenti fil-forma ta' jeddijiet tal-awtur (copyright) fir-rigward tal-formats partikolari NOKIA / NOKIA, zviluppati ghaliha oltre tliet (3) decennji ilu minn certu Lars Hedman, cittadin Finlandiz u ex-impjegat taghha;

6. illi s-socjeta attrici ghandha fil-pussess taghha evidenza li turi li, b'effett mid-disgha (9) ta' Dicembru tas-sena elfejn u hmistax (2015), is-socjeta konvenuta rregistrat f'isimha gewwa Malta u minghajr il-kunsens tas-socjeta attrici trademark bin-numru ta' registrazzjoni 54800 konsistenti fil-marka figurattiva AUKIA, u din dwar Lamps; Kettles, electric; Refrigerators; Extractor hoods for kitchens; Air conditioning apparatus; Heaters for heating irons; Radiators [heating]; Heaters for baths;

Disinfectant apparatus; Water dispensers; Radiators, electric. F'dan ir-rigward, inhareg certifikat ta' registrazzjoni tat-trademark fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Jannar tas-sena elfejn u sittax (2016) u sussegwentement gie ppubblikat avviz ta' registrazzjoni tat-trademark fil-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, harga numru 19,628 datata hamsa u ghoxrin (25) ta' Awwissu tas-sena elfejn u sittax (2016);

7. illi dan huwa kaz li jinvolvi tentattivi ghall-otteniment ta' vantaggi lleciti minn naha tas-socjeta konvenuta fir-rigward tal-brand identity NOKIA / / tas-socjeta attrici, b'intenzjoni deliberatament malinja li kienet gja' bdiet timmanifesta ruhha b'applikazzjonijiet tal-istess tip li s-socjeta konvenuta kienet ipprezentat antecedentement f'gurisdizzjonijiet ohra bhal per ezempju fl-Urugwaj [fit-tnax (12) ta' Jannar tas-sena elfejn u hmistax (2015)], fil-Malasja [fl-erbatax (14) ta' Jannar tas-sena elfejn u hmistax (2015)], fic-Cina [fil-hmistax (15) ta' Jannar tas-sena elfejn u hmistax (2015)], fl-Afrika t'Isfel [fid-dsatax (19) ta' Jannar tas-sena elfejn u hmistax (2015)], fit-Tajlandja [fl-ghoxrin (20) ta' Jannar tas-sena elfejn u hmistax (2015)], fil-Brazil [fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Jannar tas-sena elfejn u hmistax (2015)], fil-Paragwaj [fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' April tas-sena elfejn u hmistax (2015)] u fl-Angola [fis-sittax (16) ta' Lulju tas-sena elfejn u hmistax (2015)], u li kompliet timmanifesta ruhha dakinhar tal-applikazzjoni f'Malta ghal registrazzjoni tat-trademark mertu tal-vertenza, meta trallaltro s-socjeta konvenuta applikat ukoll ghar-registrazzjoni tat-trademark (numru 54799) fejn tispikka d-differenza fil-font tat-trademark bin-numru ta' registrazzjoni 54799 meta mqabbel mal-font tat-trademark bin-numru ta' registrazzjoni 54800 (b'din tal-ahhar li ghandha font ikkupjat in toto minn dak ta' / tas-socjeta attrici).

B'daqstant huwa car li kien hemm malafidi minn naha tas-socjeta konvenuta fid-data tal-applikazzjoni ghal registrazzjoni tat-trademark mertu tal-vertenza, konsistenti f'intenzjoni malizzjuza ghall-otteniment ta' vantaggi lleciti fir-rigward tal-brand identity NOKIA / / tas-socjeta attrici, inkluz bl-ikkupjar sfaccat tal-font ezistenti tat-trademarks figurattivi / tas-socjeta attrici, debitament protetti favur is-socjeta attrici skont kif indikat f'dan ir-rikors guramentat;

8. illi r-registrazzjoni tat-trademark bin-numru ta' registrazzjoni 54800 ghandha tigi ddikjarata nvalida minn din l-Onorabbli Qorti minhabba f'li:
fl-ewwel lok, ma sservix sabiex tiddistingwi l-prodotti tas-socjeta konvenuta mill-prodotti u s-servizzi tas-socjeta attrici;

fit-tieni lok, inoltri u minghajr pregudizzju, hija ta' tali xorta li tqarraq bil-pubbliku jew x'aktarx li tqarraq bil-pubbliku bhal dwar ix-xorta, kwalita' jew origini geografika tal-prodotti, jew b'kull mod iehor li jkun;

fit-tielet lok, inoltri u minghajr pregudizzju, l-applikazzjoni ghar-registrazzjoni taghha saret b'malafidi;

fir-raba' lok, inoltri u minghajr pregudizzju, hija simili:
(a) ghat-trademarks precedenti tas-socjeta attrici "NOKIA" (wordmarks), registrati f'Malta bin-numri ta' registrazzjoni 33323 u 33324 rispettivament, dwar il-prodotti (numru 33323) / is-servizzi (numru 33324) hemmhekk indikati; u

(b) ghat-trademarks precedenti tas-socjeta attrici NOKIA / NOKIA / NOKIA bhala "trademarks maghrufin" dwar prodotti u servizzi ta' connectivity u technology skont il-Konvenzjoni ta' Parigi ghall-Protezzjoni tal-Proprjeta' Industrijali tal-ghoxrin (20) ta' Marzu tas-sena elf tmien mija u tlieta u tmenin (1883) (kif riveduta jew emendata minn zmien ghal zmien),
bil-konsegwenza ta' probabbilta' ta' konfuzjoni min-naha tal-pubbliku, inkluza l-probabbilta' ta' assocjazzjoni mill-pubbliku mat-trademarks precedenti tal-istess socjeta attrici;

fil-hames lok, inoltri u minghajr pregudizzju, din it-trademark, simili:
(a) ghat-trademarks precedenti tas-socjeta attrici "NOKIA" (wordmarks), registrati f'Malta bin-numri ta' registrazzjoni 33323 u 33324 rispettivament, dwar il-prodotti (numru 33323) / is-servizzi (numru 33324) hemmhekk indikati; u
(b) ghat-trademarks precedenti tas-socjeta attrici NOKIA / NOKIA / NOKIA bhala "trademarks maghrufin" dwar prodotti u servizzi ta' connectivity u technology skont il-Konvenzjoni ta' Parigi ghall-Protezzjoni tal-Proprjeta' Industrijali hawn aktar qabel indikata,
ma kellhiex tigi registrata, ghar-raguni li dawn it-trademarks precedenti tas-socjeta attrici ghandhom riputazzjoni f'Malta, u l-uzu ta' din it-trademark minghajr kawza gusta jkun ta' vantagg mhux gust jew ta' detriment ghax-xorta distintiva u ghar-riputazzjoni taghhom;

fis-sitt lok, inoltri u minghajr pregudizzju, ma jistax jithalla li jsir uzu taghha minghajr il-kunsens attrici, stante li b'daqstant ikunu qed jigu lezi l-jeddijiet tas-socjeta attrici bhala detentrici ta' drittijiet precedenti naxxenti:
(i) mill-EU trade marks bin-numri ta' registrazzjoni 000323386, 002398022, 010608743 u 013405493 hawn qabel indikati u – ghall-iskopijiet tal-Kap. 416 tal-Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta' Malta – trademarks "mhux registrati" stante li mhux registrati fir-Registru tat-Trademarks ta' Malta, liema EU trade marks jkunu jintitolaw lill-istess socjeta attrici ghar-rimedji fil-konfront tas-socjeta konvenuta skont kif provdut fl-Artikolu disgha (9) subartikolu tnejn (2.) paragrafu (b) tar-Regolament numru mitejn u sebgha (207) tas-sena elfejn u disgha (2009) [Council Regulation (EC) No 207/2009] dwar il-European Union trade mark;
(ii) mill-EU trade marks bin-numri ta' registrazzjoni 000323386, 002398022, 010608743 u 013405493 hawn qabel indikati, u – ghall-iskopijiet tal-Kap. 416 – trademarks "mhux registrati" stante li mhux registrati fir-Registru tat-Trademarks ta' Malta, liema EU trade marks jkunu jintitolaw lill-istess socjeta attrici ghar-rimedji fil-konfront tas-socjeta konvenuta skont kif provdut fl-Artikolu disgha (9) subartikolu tnejn (2.) paragrafu (c) tar-Regolament numru mitejn u sebgha (207) tas-sena elfejn u disgha (2009) [Council Regulation (EC) No 207/2009] dwar il-European Union trade mark;
(iii) minhabba l-fatt li, kif gia intqal hawn qabel, it-trademarks NOKIA / NOKIA / NOKIA ilhom jigu wzati ghal zmien twil mis-socjeta attrici fil-kors tal-kummerc taghha fis-setturi ta' connectivity u technology, b'jeddijiet li jintitolaw lill-istess socjeta attrici ghar-rimedji appoziti kontra s-socjeta konvenuta skont l-artikolu sebgha u tletin (37) tal-Kap. 13 tal-Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta' Malta, in vista ta' kwalunkwe ksur tad-disposizzjonijiet rilevanti kontenuti fl-artikolu tnejn u tletin (32) tal-istess Kap. 13;

(iv) minn natura tat-trademarks tas-socjeta attrici NOKIA / NOKIA / NOKIA dwar prodotti u servizzi ta' connectivity u technology bhala "trademarks maghrufin" skont il-Konvenzjoni ta' Parigi ghall-Protezzjoni tal-Proprjeta' Industrijali hawn qabel indikata, li jkunu jintitolaw lill-istess socjeta attrici ghar-rimedji appoziti kontra s-socjeta konvenuta skont kif provdut fl-artikolu hamsin (50) subartikolu tnejn (2) tal-Kap. 416; u
(v) mill-fatt li, kif gja' intqal hawn qabel, is-socjeta attrici ghandha jeddijiet antecedenti fil-forma ta' jeddijiet tal-awtur (copyright) fir-rigward tal-formats partikolari NOKIA / NOKIA li jkunu jintitolaw lill-istess socjeta attrici ghar-rimedji appoziti kontra s-socjeta konvenuta skont kif provdut fid-disposizzjonijiet rilevanti kontenuti fil-Kap. 415 tal-Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta' Malta, partikolarment l-Artikolu sebgha (7) subartikolu wiehed (1) tal-istess Kap. 415;

9. illi b'daqstant, ir-registrazzjoni tat-trademark bin-numru ta' registrazzjoni 54800, saret bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-artikolu erbgha (4.) subartikolu wiehed (1) paragrafu (a), subartikolu tlieta (3.) paragrafu (b) u subartikolu sitta (6), kif ukoll tal-artikolu sitta (6.) subartikoli tnejn (2), tlieta (3) [b'dan tal-ahhar hekk kif ghandu jigi nterpretat skont l-insenjamenti tal-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropea (CJEU) dwar l-artikolu 5(2.) tad-Direttiva U.E. 2008/95/EC u qabilha tal-artikolu 4(3.)(a) tad-Direttiva U.E. 89/104/EEC minn fejn l-art. 6.(3) huwa dderivat] u erbgha (4.) paragrafi (a) u (b), tal-Kap. 416 hawn qabel imsemmi;

10. illi ghaldaqstant ukoll, in konnessjoni mal-hwejjeg indikati partikolarment fil-paragrafi numri sitta (6) sa disgha (9) ta' dan ir-rikors guramentat, is-socjeta attrici ghandha r-rimedji kontemplati fl-artikolu tlieta u erbghin (43) subartikoli wiehed (1) u tnejn (2) tal-istess Kap. 416, li fil-fatt qed tevoka permezz ta' din il-kawza li qed tigi promossa fi zmien utli;

11. illi l-esponent nomine jaf personalment bil-fatti hawn kollha dikjarati;

12. illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet hawn qabel premessi l-attur nomine umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti:

(1) tiddikjara r-registrazzjoni tat-trademark numru ta' registrazzjoni 54800 AUKIA bhala nvalida minhabba f'li giet registrata bi ksur tal-artikolu 4.(1)(a) tal-Att dwar it-Trademarks (Kap. 416 tal-Ligijiet ta' Malta);

(2) tiddikjara r-registrazzjoni tat-trademark numru ta' registrazzjoni 54800 AUKIA bhala nvalida minhabba f'li giet registrata bi ksur tal-artikolu 4.(3)(b) tal-istess Kap. 416;

(3) tiddikjara r-registrazzjoni tat-trademark numru ta' registrazzjoni 54800 AUKIA bhala nvalida minhabba f'li giet registrata bi ksur tal-artikolu 4.(6) tal-istess Kap. 416;

(4) tiddikjara r-registrazzjoni tat-trademark numru ta’ registrazzjoni 54800 AUKIA bhala nvalida minhabba f’li giet registrata bi ksur tal-artikolu 6.(2) tal-istess Kap. 416;

(5) tiddikjara r-registrazzjoni tat-trademark numru ta’ registrazzjoni 54800 AUKIA bhala nvalida minhabba f’li giet registrata bi ksur tal-artikolu 6.(3) tal-istess Kap. 416;

(6) tiddikjara r-registrazzjoni tat-trademark numru ta’ registrazzjoni 54800 AUKIA bhala nvalida minhabba f’li giet registrata bi ksur tal-artikolu 6.(4)(a) u (b) tal-istess Kap. 416.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta konvenuta, li tibqa’ minn issa ngunta ghas-subizzjoni taghha.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuratur li tghid hekk:

1. Illi s-socjeta intimata ilha topera sa mill-elf disa' mija sitta u tmenin (1986) partikolarment fis-swieq Asjatici, f’diversi industriji u timpjega 'I fuq minn tmintax-il elf (18,000) haddiem. Hija ilha famuza madwar id-dinja ghal dan iz-zmien twil fir-rigward ta' prodotti u servizzi inter alia fis-settur tal-elettriku, home appliances u t-telekomunikazzjoni bi protezzjoni ta' diversi proprjeta intelletwali Ii tkopri numru ta' pajjizl inkluz f’Malta;

2. llli s-socjeta intimata ghandha sebgha (7) siti tal-manifatlura gewwa Ningbo, Ningbo, Nanchang, Tianjin, Brazil and Indonesia;

3. Illi s-socjeta intimata minbarra Ii saret a "Leading Brand" fil-linja tal-appliances domestici, b'hila u b'invenzjoni, kif ukoll b'hafna sagrificcju finanzjarju u promozzjoni reklamattiva da parti taghha u ta' socjetajiet relatati maghha, kisbet avjamanet u reputazzjoni enormi in konnessjoni mal-prodotti u servizzi taghha rikonoxxuti ghall-affidabilita, ghas-sigurta u ghad-disinn taghhom, tant Ii kif intqal hawn fuq hija giet meqjusa bhala leading brand fil-linja tal-appliances domestici, kif ukoll giet meqjusa bhala wahda mill-aqwa hamsa u ghoxrin (25) ditti Cinizi u bhala entita importanti fl-oqsma tax-xjenza u t-teknologija;

4. Illi f’Malta, is-socjetaintimata ghandha validament irregistrati f’isimha it-trademarks AUKIA (figurative) numru 54800 kif ukoll AUX (figurative) numru 54799 b'effett mid-disgha (9) ta' Dicembru, elfejn u hmistax (2015), u dawn dwar prodotti fi klassi hdax (11) tal-Klassifikazzjoni Internazzjonali ta' Prodotti u Servizzi taht in-Nice Agreement (kif sussegwentement emendat);

5. Illi inoltre u fost ohrajn, is-socjeta intimata ghandha validament irregistrat f’isimha it-trademark AUKIA f’diversi gurisdizzjonijiet ohra kif ser jigi ampjament ippruvat fil-mori tal-kawza;

6. Illi it-trademark AUKIA hija validament reqistrat f'Malta ghas-segwenti prodotti:
Lamps; Kettles, electric; Refrigerators; Extractor hoods for kitchens; Airconditioning apparatus; Heaters for heating irons; Radiators (heating); Heaters for baths; Disinfectant apparatus; Water dispensers, Radiators, electric

7. Illi peress li l-applikazzjoni ghar-registrazzjoni tat-trademark fuq Citata kienet konformi mar-rekwiziti imposti, it-talba ghar-registrazzjoni tal-istess trademark giet registrata mill-Kontrollur tal-Proprjeta Industrijali u sussegwentement giet ippublikata;

8. Illi f'dan ir-rigward inhareg certiflkat ta' registrazzjoni tat-trademark fl-ghoxrin (20) ta' Gunju tas-sena elfejn u sittax (2016) (Dokumenti hawn annessi u mmarkati bhala "Dok A" u "Dok B") u sussegwentement gie ppublikat avviz ta' registrazzjoni tat-trademark fil-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, harga numru 19628 datata hamsa u ghoxrin (25) ta' Awwissu tas-sena elfejn u sittax (2016);

9. Illi l-allegazzjonijiet tas-socjeta rikorrenti li s-socjeta intimata rregistrat it-trademark mertu ta' din il-kawza b'intenzjoni dliberatament malinja huma kompletament infondati kemm fil-fatt u fid-dritt stante li s-socjeta intimata irregqistrat it-trademark taghha sabiex tipprotegi u tuzufruixxi mill-Proprjeta Industrijali taghha li b'hila u b'invenzjoni, is-socjeta intimata ikkreat a kuntrarju ta' kif qed tallega is-socjeta rikorrenti. lIli l-allegazzjoni li s-socjeta intimata applikat ghar-registrazzjoni tat-trademark AUKIA f'diversi gurisdizzjonijiet b'malizzja hija ukoll infondata fil-fatt u fid-dritt. Kif ser jigi ampjament spjegat is-socjeta intimata diga otteniet certifikati ta' registrazzjoni f'numru ta' gurisdizzjonijiet;

10. Illi inoltre huma ukoll infondati l-allegazzjonijiet tas-socjeta rikorrenti li l-applikazzjonijiet ghar-registrazzjoni tat-trademarks jikkonsistu f'intenzjoni malizzjuza ghall-otteniment ta' vantaggi illeciti ghaliex kif ser jintwera fil-mori tal-kawza, is-socjeta intimata ilha topera fis-suq partikolarment tal-Air Conditioners bil-markju mertu tal-kawza de quo. Illi inoltre, il-kreazjoni tat-trademark AUKIA saret bi hsieb sabiex filwaqt li ssir emfasi ghall-isem tal-kumpanija issir referenza ghal fatt li l-istess socjeta kellha l-hsieb li topera fi swieq internazzjonali partikolarment fis-settur tal-Airconditioners;

11. Illi t-trademark mertu tal-kawza odjerna hija wahda valida u ma ghandhiex tigi dikjarata invalida, stante li kif ser jintwera fil-mori tal-kawza, u a kuntrarju glial dak li qed tallega s-socjeta rikorrenti, it-trademark taghha inter alia:
a. Isservi sabiex tiddistingwi l-prodotti tas-socjeta esponenti minn dawk tas-socjeta rikorrenti;
b. Ma tqarraqx bil-pubbliku u ma ghandhiex il-potenzjal li tqarraq bil-pubbliku dwar ix-xorta, kwalita jew origini geografika tal-prodotti, jew b'kull mod iegor li jkun;
c. L-applikazzjoni ma saritx b'malafidi;
d. It-trademark mertu tal-kawza de quo mhijiex simili ghat-trademarks tas-socjeta rikorrenti, kemm dawk registrati kif ukoll dawk maghrufa bhala "trademarks maghrufin" , liema fatti kif ser jintwera fil-mori tal-kawza ser jippruvaw li ma tezistiex probabilta ta' konfuzjoni min-naha tal-pubbliku, inkluza l-probabilita ta' assocjazzjoni mill-pubbliku mat-trademarks precedenti tal-istess socjeta rikorrenti;
e. It-trademark mertu tal-kawza de quo mhijiex simili u ma ghandux jigi meqjus li l-uzu ta' din it-trademark mis-socjeta intimata qed ikun ta' vantagg mhux gust jew ta' detriment ghax-xorta distintiva u ghar-riputazzjoni taghhom;
f. It-trademark mertu tal-kawza de quo mhijiex simili u ghaldaqstant ma ghandux jigi meqjus li l-uzu taghha qieghed jilledi xi drittijiet tas-socjeta attrici;

12. Illi b'daqstant ir-registrazzjoni tat-trademark bin-numru 54800, ma saret bi ksur tal-ebda disposizzjoni tal-ebda ligi kemm dik lokali, kif ukoll dik Ewropea u dan kif elenkat fir-rikors guramentat tas-socjeta attrici u cioe tal-artikolu erbgha (4) subartikolu wiehed (1) paragrafu (a), subartikolu tlieta (3) paragrafu (b) u subartikolu sitta (6), kif ukoll tal-artikolu sitta (6) subartikolu tnejn (2), tlieta (3) u erbgha (4) paragrafi (a) u (b) tal-Kap. 416 hawn qabel imsemmi;

13. Illi ghaldaqstant l-allegazzjoni li s-socjeta attrici ghandha r-rimedji kontemplati fl-artikolu tliet u erbghin (43) subartikolu wiehed (1) u tnejn (2) tal-Kap. 416, huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

14. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta rikorrenti ghalkemm qed allega reputazzjoni, ma gabet l-ebda prova ta' uzu fir-rigward tal-prodotti li ghalihom is-socjeta intimata qed tgawdi protezzjoni permezz tat-trademark registrat taghha mertu tal-kawza de quo.

Ghaldaqstant in vista tas-suespost is-socjeta intimata ghandha s-segwenti eccezzjonjiet xi tressaq kontra t-talbiet tar-rikorrenti:

Illi t-talbiet tas-socjeta rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda fl-intier taghhom bl-ispejjez kontra l-istess socjeta rikorrenti u dan ghas-segwenti ragunijiet:

1. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, l-ewwel (1) talba tas-socjeta attrici hija infondata fil-fattu fid-dritt in kwantu li t-trademark numru ta' registrazzjoni 54800 bl-isem AUKIA giet validament registrata minghajr l-ebda ksur tal-artikolu 4(1)(a) tal-Att dwar it-Trademarks (Kap. 416 tal-Ligijiet ta' Malta);
2. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, it-tieni (2) talba tas-socjeta attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt in kwantu li t-trademark numru ta' registrazzjoni 54800 bl-isem AUKIA giet validament registrata minghajr l-ebda ksur tal-artikolu 4(3)(b) tal-Att dwar it-Trademarks (Kap. 416 tal-Ligijiet ta' Malta);
3. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, it-tielet (3) talba tas-socjeta attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt in kwantu li t-trademark numru ta' registrazzjoni 54800 bl-isem AUKIA giet validament registrata minghajr l-ebda ksur tal-artikolu 4(6) tal-Att dwar it-Trademarks (Kap. 416 tal-Ligijiet ta' Malta);
4. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, ir-raba' (4) talba tas-socjeta attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt in kwantu li t-trademark numru ta' registrazzjoni 54800 bl-isem AUKIA giet validament registrata minghajr l-ebda ksur tal-artikolu 6(2) tal-Att dwar it-Trademarks (Kap. 416 tal-Ligijiet ta' Malta);
5. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, il-hames (5) talba tas-socjeta attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt in kwantu li t-trademark numru ta' registrazzjoni 54800 bl-isem AUKIA giet validament registrata minghajr l-ebda ksur tal-artikolu 6(3) tal-Att dwar it-Trademarks (Kap. 416 tal-Ligijiet ta' Malta);
6. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, is-sitt (6) talba tas-socjeta attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt in kwantu li t-trademark numru ta' registrazzjoni 54800 bl-isem AUKIA giet validament registrata minghajr l-ebda ksur tal-artikolu 6(4)(a) tal-Att dwar it-Trademarks (Kap. 416 tal-Ligijiet ta' Malta);
7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Illi fi kwalunkwe kaz, is-socjeta esponenti tissottometti li ikun xi jkun l-ezitu tal-kawza, hi ma ghandhiex tbati l-ispejjez stante li s-socjeta rikorrenti qabel ir-rikors guramentat, qatt ma ghamlet l-ebda forma ta' komunikazzjoni jew protesta lis-socjeta intimata.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta rikorrenti, li tibqa' minn issa ingunta ghas-subizzjoni taghha.

Rat l-atti u n-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta attrici;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Provi**

Jeremie Vaquer, legal counsel mas-socjeta attrici, xehed li l-kumpanija ilha registrata fil-Filandja mill- 1896 u spjega kif kibret fis-sezzjoni tat-teknologija u konnettivita specjalment fil-wireless networks u mobile phones (ara Dok. JVA u JVB). Hi ddiversifikat f'prodotti u servizzi ghal-home automation u ilha fil-kamp ta' Smart Homes mill-anqas 10 snin (ara Dok. JVC u JVD). Il-Marka NOKIA f'dan is-settur giet rikonoxxuta mill-EUIPO – (ara Dok. JVE). NOKIA hija wkoll attiva fil-kamp tad-Digital Health (Dok. JVF) Virtual Reality (Dok. JVG) Smart Cars (Dok. JVH) u Smart Cities (Dok. JVI).

Hu familjari mal-IT Portfolio Internazzjonali tan-NOKIA. F'Malta id-ditta hija protetta hekk:

T.M. (word mark) 33323 u 33324 b'effett minn 8/2/2001 fi Class 9 u 38 Klassifikazzjoni taht in-Nice Agreement (fol. 12 u 14).

EU TM (figurativa) 000323386 b'effett f'Malta mill-1/5/2004 fi Class 9 , 35 u 38 (fol. 15).

EU TM (figurativa) 0002398022 b'effett f'Malta mill-1/5/2004 fi Class 9, 38 u 42 (fol. 19).

EU TM (word mark) 010608743 b'effett f'Malta mill-1/2/2012 minn Class 1 sa 45 (fol. 23).

EU TM (word mark) 013405493 b'effett f'Malta mill- 23/10/2014 fi Class 9, 38,39,42 u 45 (fol. 29).

Copyright tal-font u format partikolari NOKIA sa mill 1981.

Il-kumpanija saret taf bi trademark registrata Malta b'numru 54800 AUKIA (fol. 34) minn AUX Group Co.Ltd mic-Cina fi class 11 rigward prodotti konnessi ma' soluzzjonijiet ta' technology u connectivity.

It-Trademark AUKIA ghandha l-istess font format ta'NOKIA u sekwenza identika finali "KIA" u AUKIA, hija ppronunzjata OKIA li hija s-sekwenza finali identika ta' NOKIA.

Il-kumpanija intimata applikat ghat-trademark AUKIA f'diversi gurisdizzjonijiet madwar id-dinja ez Urugwaj (2015) – rifjutata wara opposizzjoni tal-kumpanija NOKIA; fl-Afrika t'Isfel (2015) – irtirata wara opposizzjoni tal-kumpanija; fl-Awstralja (2016) –abbandunata wara opposizzjoni tal-Kumpanija; Etjopja (2016) abbandunata wara opposizzjoni tal-Kumpanija; Stati Uniti tal-Amerika (2016) abbandunata; Fl-Ukranja, Rumanija, Kroazja, Marokk, Kolumbja, Bosnija-Herzegovina, Bulgarija, Serbja, Kenjau fl-Indija – (2016) rifjut totali provizjonali wara opposizzjoni mill-Kumpanija.

Hemm applikazzjoni ohra fl-isem il-konvenuta ghat-TM AUX (fol. 35) li dahlet fil-2015 din id-darba f'font format differenti minn AUKIA.

Il-kumpanija tikkunsidra s-sinjal AUKIA bhala li jikser id-drittijiet tal-kumpanija NOKIA ghax:
Is-sinjal AUKIA ma jservi biex jiddistingwi l-prodotti koperti minnu;
Is-sinjal AUKIA iqarraq jew x'aktarx iqarraq bil-pubbliku;
Is-sinjal AUKIA gie applikat biex jikkopja t-TM tal-kumpanija NOKIA
Is-sinjal AUKIA huwa simili (i) ghat-TM 33323 u 33324 u (ii) ghat-TMs precedenti bhala "trademarks maghrufin", skond il-Konvenzjoni ta' Parigi (1883).

L-intimati qed jiehdu vantagg mhux gust minhabba free riding fuq is-success tal-kumpanija attrici u qed tibbenefika kummercjalment. Inoltre kwalunkwe uzu ikollu effett li jiznatura u jippregudika l-funzjoni bazika li jiddistingwu s-servizzi u l-prodotti ta' kumpanija minn ohra. Dan jista jwassal biex konsumaturi jahsbu negattivament

dwar il-prodott tal-kumpanija attrici. Jigu wkoll pregudikati l-jeddijiet tal-awtur (copyright) tal-kumpanija. Minhabba f'hekk il-kumpanija ghand interess fid-dikjarazzjoni ta' invalidita' tar-registrazzjonij tal-sinjal AUKIA

John Richards, senior principal, fid-Dipartiment tat-TradeMarks, xehed li wara l-emenda li kienet saret fil-ligi, illum il-gurnata oppossizzjoni ghal-registrazzjoni ta' trademark issir wara li tigi registrata mhux qabel. Ipprezenta Dok. JR1 u JR2 dwar iz-zewg trademarks registrati mill-kumpanija intimata. Spjega li Class 1 sa 34 huma dwar goods u Class 35 sa 45 dwar services. Qabel jirregistraw trademark jaraw li tissodisfa l-Artikolu 41C tat-Trademark Act u jaghmlu search fil-local database u fil EU TM database biex jaraw li tissodisfa l-artikolu 61 u 62 tal-Att. L-applikazzjoni tat-TM AUKIA saret fi Class 11. Hu ma kienx ghamel is-search personalent fi Class 11 tal-EU TM ghal NOKIA. Jidher li minn ghamel l-ezercizzju ma kkunsidrax li kien hemm xi TM simili ghal NOKIA ghax kieku kienu jaghmlu negative report wara s-search. Jista jkun li meta ghamlu s-search jew ma sabux NOKIA jew jekk sabuha, ddecidew li mhijiex simili bizzejjed. Ighid li hu ma jarax li l-font huwa daqshekk vicin fil-kaz ta' NOKIA a fol. 15 u 19 u AUKIA a fol. 34.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Il-kumpanija rikorrenti ghandha registrati f'isimiha Trade Marks Lokali mill-2001 u EU Trade Marks mill-2004 fil-klassijiet kollha minn 1 sa 45 u partikolarment fil-klassijiet 9, 35, 38, 39, 42 u 45.

Il-kumpanija intimata irregistrat f'Malta t-Trademark bin-numru 54800 AUKIA mill-27 ta' Jannar 2016 fi klassi 11 (ara fol. 34).

Fl-azzjoni promossa, l-kumpanija rikorrenti qed titlob li dina l-Qorti tiddikjara r-registrazzjoni tat-trademark numru ta' registrazzjoni 54800 AUKIA bhala nvalida minhabba f'li giet registrata bi ksur tal-artikoli 4(1)(a); 4(1)(a); 4(3)(b); 4(6); 6(2); 6(3) u 6(4)(a)(b) tal-Kap. 416 tal-Att dwar it-Trademarks.

Il-kumpanija rikorrent qed issostni li l-marka AUKIA hija simili ghal marka taghha NOKIA u qed tikkreja konfuzjoni fis-suq. Il-marka ser tikkreja konfuzjoni f'mohh il-

konsumatur, b'mod li s-socjeta intimata tkun, b'qerq, qed taghmel uzu a vantagg taghha mill-goodwill tal-kumpanija "NOKIA" li gie krejat wara snin twal ta' marketing mis-socjeta rikorrenti, u dana bi pregudizzju gravi ghal interessi kummercjali taghha.

Il-kumpanija intimata kkontestat it-talbiet tas-socjeta rikorrenti u sostniet li t-trademark AUKIA giet registrata konformement mar-rekwiziti imposti fil-ligi u giet accettata u sussegwentement ppublikata mill-Kontrollur tal-Proprjeta Industrijali li ma sabx somiljanza mar-trademark NOKIA (fol 760). Is-socjeta intimata pero ma ressqitx provi in sostenn tal-kontestazzjoni taghha.

Gie ritenut mill-gurisprudenza tal-Qrati taghna illi l-"kwistjoni jekk ghandhiex tigi accettata oppozizzjoni ghar-registrazzjoni ta' Trade Mark, fuq il-motiv li dak it-trademark jista' jgib konfuzjoni ma' trademark ta' haddiehor, hija mpernjata fuq il-principju tal-idea dominanti taz-zewg marki, indipendentement mid-dettalji li jkunu jakkompanjaw dik l-idea dominanti. Jekk l-idea dominanti taz-zewg marki in kontestazzjoni thalli mpressjoni tali li tista' ggib il-konfuzzjoni bejniethom, l-opposizzjoni ghar-registrazzjoni hija gustifikata. Il-prodotti li ghalihom ikun irid jigi applikat il-markju li tieghu tintalab ir-registrazzjoni mhemmx bzonn ikunu identici ghal dawk tal-parti opposta, imma huwa bizzejjed li jkunu "of the same description" (Vol. XXXVI, P.III, p.616).

"Il-ligi thalli f'idejn il-Qorti biex tiddetermina jekk kellhiex jew le tilqa' l-opposizzjoni. Ma timponi l-ebda kriterju biex il-gudikant jasal ghad-decizjoni tieghu. Thalli fil-gudizzju tieghu. Imma hu ovvju li fuq kollox irid ikun gwidat mill-konsiderazzjonijiet dwar il-konfuzjoni u konkorrenza zlejali" (**Lilian Wayne noe vs Controller of Industrial Property**, PA 01/10/1996).

"Jekk hemmx jew le fil-marki dik is-somiljanza li tirrendi konfondibbli z-zewg marki, hija kwistjoni li tiddependi mill-gudizzju tal-gudikant, li fl-ezami li ghandu jaghmel ghandu jzomm proprjament bhala test mhux dak li wiehed ihares lejn iz-zewg marki hdejn xulxin biss, imma li jikkonsidra l-effett tal-markju oggezzjonat fuq xerrej li jkollu fil-hsieb tieghu l-markju tal--esponent bla ma jkollu quddiemu dak il-markju, imma jkollu quddiemu biss il-markju oggezzjonat. Ma hemmx bzonn li z-zewg marki jkunu

identici imma huwa bizzejjed li jkun hemm il-possiblita tal-konfuzjoni taz-zewg marki ghan-nies ta' intelligenza medja u ragonevoli" (**Dr George Vassallo noe vs Carmel Caruana et**, Kum 07/061950).

Gie ritenut fil-kawza **Lloyd Schuhfabrik Meyer and Company GmbH vs Kligsen Handel BW** deciza fit-22 ta' Gunju, 1999 hekk:

> Furthermore the more distinctive the earlier mark the greater will be the likelihood of confusion (SABEL para. 24) and therefore marks with a highly distinctive character either per se or because of the recognition they possess in the market, enjoy broader protection than marks with a less distinctive character.
> ...
>
> It follows that for the purposes of Article 5(1)(b) of the Directive (84/104/EEC, 21/12/1988), there may be a likelihood of confusion, notwithstanding a lesser degree of similarity between the trade marks, where the goods or services covered by them are very similar and the earlier mark is highly distinctive.
>
> In order to assess the degree of similarity between the marks concerned, the National Court must determine the degree of visual, oral or conceptual similarity between them and, where appropriate, evaluate the importance to be attached to those different elements, taking account of the category of goods or services in question and the circumstances in which they are marketed.
>
> It is possible that mere aural similarity between trade marks may create a likelihood of confusion within the meaning of Article 5(1)(b) of the Directive.

Illi r-rikorrent irrefera ghal diversi applikazzjonijiet ghat-trademark AUKIA maghmula mill-intimati f'diversi pajjizi fejn dawn gew refused jew gew irtirati mill-intimati stess wara opposizzjonji mill-kumpanija rikorrenti. Hekk per ezempju gie ezibit Dok. NOK02 a fol. 136-138 fejn l-applikazzjoni li saret fl-Afrika t'isfel giet irtirata mill-intimati wara opposizzjoni mir-rikorrenti. Fl-Australia (ara Dok. 03 a fol. 139) l-applikazzjoni ta' AUKIA giet rifjutata; l-istess fl-Albania (Dok. NOK06 a fol. 469); Etiopja (Dok. NOK07 a fol. 474 et seq.); Kroatia (Dok. NOK11 a fol. 804); u Dok. NOK08 a fol. 482 dwar applikazzjonijiet f'diversi pajjizi fejn l-applikazzjonijiet gew rifjutati.

Il-marka NOKIA hija maghufa sew gewwa Malta u internazzjonalment fejn tgawdi fama qawwija fis-settur tal-connectivity u technology. Il-marka hija wahda li hija highly distinctive.

Il-kumpanija rikorrenti qed toggezzjona ghar-registrazzjoni tal-marka AUKIA abbazi tal-artikoli 4(1)(a); 4(1)(a); 4(3)(b); 4(6); 6(2); 6(3) u 6(4)(a)(b) tal-Kap. tal-Att dwar it-Trademarks (Kap. 416).

Dawn l-artikoli jipprovdu hekk:

Ragunijiet ghal rifjut ta' registrazzjoni

4(1) Dawn li gejjin ma ghandhomx jigu registrati bhala trademarks -

sinjali li ma jinkwadrawx fit-tifsira ta' trademarks fl-artikolu 2;

(3) Trademark ma ghandhiex tkun registrata jekk din -
(b) tkun ta' tali xorta li tqarraq bil-pubbliku jew x'aktarx li tqarraq bil-pubbliku bhal dwar ix-xorta, kwalita jew origni geografika tal-oggetti jew tas-servizz jew b'kull mod iehor li jkun.

(6) Trademark ma ghandhiex tigi registrata jekk, jew daqskemm, l-applikazzjoni ssir b'malafidi.

6(2) Trademark ma ghandhiex tkun registrata jekk minhabba li jew ghax tkun identika ma' trademark precedenti u tkun se tigi registrata dwar oggetti jew servizzi simili ghal dawk li dwarhom it-trademark precedenti tkun protetta, jew ghax tkun simili ghal trademark precedenti u tkun se tigi registrata dwar oggetti jew servizzi identici jew simili ghal dawk li dwarhom it-trademark precedenti tkun protetta, ikun hemm probabbiltà ta' konfuzjoni min-naha tal-pubbliku, inkluza l-probabbiltà ta' assocjazzjoni mill-pubbliku mat-trademark precedenti:
Izda s-semplici assocjazzjoni minghajr il-probabbilta ta' konfuzjoni ma ghandiex tipprevjeni li marka ma tigix registrata.

(3) Trademark li -
tkun identika jew simili ghal trademark precedenti, u
ghandha tigi registrata dwar oggetti jew servizzi li ma jkunux simili ghal dawk li dwarhom it-trademark precedenti tkun protetta,
ma ghandhiex tkun registrata jekk, jew daqskemm, t-trademark precedenti jkollha riputazzjoni f'Malta u l-uzu tat-trademark sussegwenti minghajr kawza gusta jkun ta' vantagg mhux gust jew ta' detriment ghax-xorta distintiva jew ir-riputazzjoni tat-trademark precedenti.

(4) Trademark ma ghandhiex tkun registrata jekk, jew daqskemm, jista' ma jithalliex li jsir l-uzu taghha f'Malta minhabba -

> (a) f'ligi li tkun tipprotegi trademark mhux registrata jew xi sinjal iehor li jintuza fil-kors tal-kummerc, jew
> (b) fi dritt precedenti li ma jkunx wiehed minn dawk imsemmija fil-paragrafu (a) jew fis-subartikoli (1) sa (3), b'mod partikolari minhabba fil-ligi dwar id-drittijiet tal-awtur, jew ta' disinji registrati.
>
> Persuna li kollha jedd li ma thallix li jsir l-uzu ta' trademark tissemma f'dan l-Att bhala "l-proprjetarju ta' dritt precedenti" ghar-rigward tat-trademark.

Gie kostatat illi r-registrazzjoni mitluba da parti tas-socjeta intimata kienet ghal oggetti u servizzi tal--istess generu ta' negozju li, f'dan il-kaz, kien assocjat sewwa ma' dak prodott mis-socjeta rikorrenti.

Il-Qorti ghandha tidentifika l-elementi komuni bejn marka u ohra li tkun qed tintalab ir-registrazzjoni taghha u l-opposizzjoni li qed issirilha.

Il-marka "AUKIA" giet registrata meta kienet diga' registrata l-marka "NOKIA" snin qabel, u dana ukoll dwar prodotti simili ghal tal-marka NOKIA li hija highly distinctive. Dan jindika li kien hemm il-hsieb, da parti tas-socjeta intimata, li l-marki jkunu vicini u simili.

Il-Qorti ser tezamina hawn is-somiljanzi fir-rigward ta'
-Similarity between the sign
-Similarity between the goods covered
-The likelihood of confusion.

**Somiljanza bejn il-marki**
Mill-aspett viziv:
Dawn iz-zewg marki jikkonsistu f'hames ittra kull wahda, tlieta minnhom identici KIA u qeghdin fl-istess ordni. Il-fonts uzat huwa l-istess.

Mill-aspett fonetiku:
Fonetikament iz-zewg kelmiet huma simili. L-ahhar sillaba hija identika. KIA
Id-diphthong AU hija pronnunzjata f'konversazzjoni normali bhala O
Ghalhekk iz-zewg marki huma fonetiment simili hafna.

**Somiljanza dwar is-servizzi u oggetti li taghhom hija mitluba l-protezzjoni**

L-oggetti u s-servizzi huma ukoll simili, connectivity u technology. AUKIA ghalhekk tippretendi protezzjoni f'dawk il-oggetti u s-servizzi li huma diga protetti bil marka ta' NOKIA u dana minn snin ilu.

**Il-possibilta ta' konfuzjoni**

Teziti l-possibilita kbira li jkun hemm konfuzjoni u tqabbil mal-marka NOKIA f'suq fejn il-marka Nokia tgawdi reputazzjoni internazzjonali qawwija fis-suq tal-connectivity u technology. Jekk wiehed jiehu z-zewg kelmiet u jqishom kemm mid-dehra u kemm mill-hoss taghhom dawn juru b'mod car xebh kbir bejniethom li jwasslu lill-konsumatur biex ikun konfuz dwar liema prodotti qieghed fil-fatt jixtri.

Din il-Qorti ghalhekk ma tistax teskludi certu grad ta' "visual, oral and conceptual similarities of the mark" li jistghu iwasslu ghal konfuzzjoni fis-suq, fis-sens li wiehed jista' effettivament jasal biex jakkwista prodott flok iehor.

Ghalhekk il-marki "AUKIA" u "NOKIA" huma somiljanti sal-punt li r-registrazzjoni tal-kelma "AUKIA" kellha tigi michuda u ghalhekk it-talba tas-socjeta rikorrent ghandha tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi prevja li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta intimata, tilqa' t-talbiet tas-socjeta rikorrenti, bl-ispejjez kontra s-socjeta intimata.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur